DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA
INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH
INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

### ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 5 ta' Settembru 2017

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 056/2017

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Coleiro Doreen, Grima Carlston, Mifsud George u Muscat David – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Il-marka biex studenti barranin jidħlu fil-mainstream u l-assessjar għas-sena skolastika 2017-2018

---

Il-kapijiet tal-iskejjel huma mgħarrfa li dawk l-istudenti barranin li tul is-sena skolastika li għaddiet ġew assessjati fuq il-programm A1 tat-tagħlim tal-Malti lill-barranin li kien jinkludi 60% ta' assessjar kontinwu u 40% karta tal-eżami, għandhom jitilgħu fil-mainstream jekk ġabu 75+ tal-marka globali. Fil-każ tal-iskejjel Medji u Sekondarji, dawn l-istudenti għandhom isegwu l-programm ta' Rotta 1 u mhux tal-kompetenzi ewlenin.

Mis-sena skolastika 2017-2018, dawk l-istudenti kollha li se jsegwu l-programm tal-Malti għall-barranin għandhom jiġu assessjati skont l-istess skema tal-assessjar tas-sena l-oħra kif jidher f'din it-tabella.

| 60 marka | Assessjar Malti għall-Barranin | 40 marka |
|---|---|---|
| Assessjar Kontinwu | | Assessjar Summattiv fl-aħħar tas-sena mir-raba' sena 'l fuq |
| Skont linji gwida ta' miri tat-tagħlim:<br><br>It-Taħdit 10 marki<br>Il-Fehim mis-Smigħ 10 marki<br>Il-Qari 10 marki<br>Il-Kitba 10 marki | | Fehim mill-Qari 15-il marka<br>Grammatika 10 marki<br>Il-Kitba Komunikattiva 15-il marka |
| Attivitajiet tal-użu tal-Malti f'kuntest 20 marka | | |

Sabiex toħroġ il-marka aħħarija tal-assessjar kontinwu, l-għalliema għandhom jagħtu mill-inqas **6 biċċiet xogħol** f'kull ħila indikata hawn fuq u għalhekk il-marka trid tkun ibbażata fuq **30 biċċa xogħol.**

**L-istudenti barranin kollha għandu jsirilhom l-assessjar kontinwu u jersqu għall-eżami annwali li jsir f'Ġunju**. Ikunu eżentati biss dawk l-istudenti li jibdew l-iskola fl-aħħar term tas-sena skolastika. L-għalliema li jgħallmu lill-istudenti li ma jkunux ġabu 75+ għandhom ikomplu jfanndu fil-programm A1 li jippermetti dan.

Dawn l-arranġamenti għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jibda l-proċess ta' implimentazzjoni tal-qafas tal-kisbiet li jinkludi t-tagħlim tal-Malti lill-barranin.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**